MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2012

Numru. 1348/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Godwin Scerri)**

**Vs**

**Stephen Francis Galli ta' 48 sena iben John u Carmen xebba Ellul, imwieled USA nhar it-22/08/1964 u residenti gewwa fond Nru 17, Milano, Triq San Girgor, Sliema detentur tal-karta ta'l-identita' bin-numru 191009(L)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Stephen Francis Galli:

1. akkuzat talli nhar is-Sibt 3 ta' Dicembru 2011 ghal habta tat-3:30 ta' filghaxija gewwa Swieqi ikkometta serq ta' diversi oggetti minn 'The Village Confectionary',

ammont li ma jiskorrix l-mitejn u tlieta u tletin ewro (€233) u dan ghad-detriment tas-Sur Gordon Shepard, bi ksur ta'l-artikolu 284 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. U akkuzat ukoll li fix-xahar ta' bejn Gunju u Awwissu 2011 b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zmenijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, liema atti gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ikkometta serq ta' oggetti ta' xorb spirituz minn 'The Village Confectionary' ammont li ma jiskorriex il-mitejn u tletin ewro (€233) u dan ghad-detriment tas-sur Gordon Shepard, bi ksur tal-artikolu 18, 284 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet tal-Ligijiet ta' Malta.
3. U aktar talli fl-istess lok, bejn ix-xhur ta' Gunju u Awwissu 2011, kiser xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqu mill-Qorti Kriminali datata 20 ta' Ottubru 2008, b'ordni taht dan l-artikolu.
4. U aktar talli b'hekk fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi sar recidiv ai termini ta'l-artikolu 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat d-dokumenti esebieti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lill-imputat jammetti l-ewwel u ir-raba imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Ikkunsidrat,

Illi fid-dawl ta'l-ammissjoni maghmula mill-imputat ghall-ewwel u ir-raba akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta'l-istess.

Illi jifdal ghalhekk biex jigu ikkunsidrati t-tieni u it-tielet akkuzi li jirrigwardaw serq ta' xorb spirituz li allegatament sehh fix-xahar ta' bejn Gunju u Awwissu 2011 mill-hanut 'The Village Confectionary', kif ukoll ksur ta' restrizzjoni jew projbizzjoni imposta fuqu mill-Qorti Kriminali datata 20 ta' Ottubru 2008. Illi mix-xhieda ta Gordon Shepard li huwa sid il-hwienet 'The Village Confectionary' u 'The Village Food Store' li jinsabu biswit xulxin, jirrizulta illi kien hemm persuna li kienet qed tidhol fil-hwienet tieghu u

tisraq xi oggetti konsistenti fi fliexken tax-xorb. Dana beda isehh fis-sajf tal-2011. L-ahhar serqa sehhet f'Dicembru ghal liema serqa l-imputat irregistra ammissjoni. Mill-filmati tac-CCTV jirrizulta illi l-istess persuna ikkomettiet dana is-serq kemm fix-xhur tas-sajf kif ukoll f'Dicembru. Dana huwa ikkonfermat mill-imputat stess fl-istqarrija li jirrilaxxja lill-pulizija meta huwa jinqabad f'Dicembru u jigi arrestat. Huwa ighid illi b'kollox dahal xi erba darbiet f'dawn il-hwienet u dana kien fil-perijodu tas-sajf. Jammetti li seraq xi fliexken tax-xorb alkoholiku u kien lest li jikkumpensa lis-sid ghal dana is-serq.[1]

Illi fil-kamp penali dejjem gie ritenut li l-konfessjoni – popolarment maghrufa bhala l-istqarrija ta'l-imputat jew l-akkuzat – hija l-prova regina li tista' tressaq il-prosekuzzjoni biex tipprova l-htija tal-persuna akkuzata, dment li din tkun saret volontarjament u ma gietx imgieghla, jew mehuda b'theddid, jew b'biza', jew b'weghdiet jew twebbil ta' vantaggi (artikolu 658 tal-Kodici Kriminali). Inoltre l-istqarrija ta'l-imputat giet rilaxxjata minnu wara li huwa gie moghti il-jedd li jiehu parir legali, liema jedd huwa ma ghamilx uzu minnu. Illi meta jixhed fil-qorti, huwa jammetti l-involviment tieghu fis-serqa ta' Dicembru, izda meta mistoqsi mill-Ufficjal Porskeutur in kontro-ezami ghar-rigward tas-serq li sehh fis-sajf, huwa jahrab milli iwiegeb dina l-mistoqsija.

Ghaldaqstant fid-dawl tal-provi li hemm fl-atti u senjatament l-istqarrija ta'l-imputat, l-Qorti ser issib htija ghar-rigward tat-tieni imputazzjoni ukoll.

L-istess ma jistax jinghad, madanakollu fir-rigward tat-tielet akkuza, billi l-Prosekuzzjoni naqqset milli tressaq provi dwar l-istess u l-Qorti ma ghandha l-ebda hjiel rigward liema hija l-projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuq l-imputat fl-20 ta' Ottubru 2008 mill-Qorti Kriminali li huwa allegatament kiser.

Illi meta tigi biex tqies il-piena li ghandha tigi inflitta dina il-Qorti ma tistax tinjora il-fedina penali piuttost ikkulurita ta'l-

[1] Ara stqarrija Dokument GS1 a fol.38 u 39

imputat. L-imputat inoltre huwa recidiv. L-imputat donnu ma iridx jirriforma hajjtu ghalkemm inghata opportunitajiet mill-Qorti sabiex jaghmel dan. Dina l-Qorti ghalhekk ma ghadx ghandha fiducja illi tista' b'xi mod tghin lill-imputat u jidher illi sfortunatament l-uniku mod biex tigi salvagwardjata is-socjeta mill-atti kriminali tieghu huwa billi tigi imposta piena karcerarja effettiva fuqu. Illi madanakollu il-Qorti ma tistax tinjora l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat ghall-uhud mil-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ser tiehu dan in konsiderazzjoni fil-kalibrazzjoni tal-piena li ser tigi inflitta.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 284, 285, 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tielet akkuza migjuba fil-konfront tieghu, issibu hati tal-kumplament u tikkundannah ghal perijodu ta' hames xhur prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------